**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

25 **ta' Frar 2021**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' onlajn fuq Join Meeting illum il-Ħamis 25 ta' Frar 2020 fis-5.30p.m..

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 26 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **27.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **27.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 27.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduti numri 26 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar.. |
| **27.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 27.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li qabbad lil Sanondaf sabiex jiffumika l-uffiċċini tal-kunsill bħala prekawzjoni għall-ħaddiema kif ukoll għar-residenti li jinqdew mill-kunsill. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 27.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ressaq l-ilment tar-residenti dwar il-permess numru PA/00028/2 206 & 64, Triq iz-Zewg Mini k/m, Triq Sant Anglu, Senglea (Isla) minħabba l-għoli tal-livell. L-Avukat Dr. Mark Muscat qed jieħu ħsieb dan il-każ. |
| 27.03.03 | Is- Sindku ressaq kwotazzjonijiet tal-Ktieb tal-best print u Gutenberg li inġabru sabiex jikkonferma mal-kunsilliera li ser nmexxu fuq l-irħas Kwotazzjoni dik ta' €2,450.00 +5% VAT minn għand il-Best Print, filwaqt il-kwotazzjonijiet l-oħra kienu ta' €3,960+vat minn għand il-Print Right u dik ta' €3,900 + VAT minn għand il-Gutenberg |
| 27.03.04 | Is-Sindku id-diskuta mal-kunsilliera dwar Ċirkulari SPI/SCI/3/2021 Skema għal Attivitajiet Kultrurali Annwali 2021li ser tagħlaq fit- 2 ta' April 2021, sabiex min irrid iressaq xi idejat nitkellmu ma Sur Stefan Azzopardi white biex napplikaw. |
| 27.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tibgħat l-applikazzjoni għall-propjeta fuq il-Forti San Mikiel mad-DLG mas-Sinj. Josianne Cassar sabiex jinbeda l-proċess. Apparti minn hekk is-sindkuinforma l-kunsilliera li ser jitneħħa l-ħadid ta' barra l-mina u dwar iċ-ċint għadhom qed jagħmlu riċerka għaliex milli jidher dan minn dejjem kien hemm. |
| 27.03.06 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li fid-19 ta' Frar 2021 is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-sur Ivan Mifsud MBL dwar |

| | |
|---|---|
| | proġett li, s-Sur Ivan Mifsud għamel studju fuqu sabiex jibdew jidħlu *Cruise Liners* żgħar f' boiler wharf iżda tagħmel aktar impressjoni sabiħa li kieku dan jiġi msejjaħ Senglea Wharf għaliex ma tatix impressjoni sabiħa lit-turisti li qishom ser jidħlu f' xi *boiler.* Qiegħed jipjana li dan iseħħ sentejn oħra għaliex il-cruise liners trid tippjana minn sentejn qbel bħala berthing. MBL jixtieq li jaħdem flimkien mal-kunsill tal-Isla sabiex il-lokalita tal-Isla titgawda aktar mit-turisti bl-istorja u l-kultura Maltija u jinħoloq aktar kummerċċ. |
| 27.03.07 | Is-Segretarju infurmat lil kunsilliera li saret laqgħa onlajn fil-15 ta' Frar 2021 dwar il-proġett tal-Urbact fejn ġie diskuss l-*integrated action plan*, fejn għal din il-laqgħa il-parteċipanti kienu is-Sur Patrick Mifsud, is-Sur Robert Galea li ħa ħsieb din l-app, is-Sinj. Maryanne Aquilina mid-dipartiment tas-saħħa u s-Sinj Borg Karen Maria, flimkien mal-Perit Fleur Ebejer, is-Sindku s-Sur Clive Pulis u s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill tal-Isla is-Sinj. Graziella Gellel. Din l-app ġiet maħluqa sabiex is-soċjeta tkun aktar b'saħħitha. Is-Sinj. Zarb Adami ħadmet fuq id-diffikultajiet tal-mixja ġewwa l-Belt tal-Isla sabiex il-Mixja tkun ħafifa għall min ikun għadu ser jibda jagħmel dan l-eżerċizzju u aktar iebsa għall min ikun imdorri jagħmel dan l-eżerċizzju. Dawn ir-rottot huma kemm faċli kif ukoll aktar iebsin b'xi turġien involuti peress li din il-Belt għandha ħafna turġien .Ġie diskuss kif ser titfassal il-*Mapping Historical Spaces* fuq l-app u li f' Mejju 2021 ser issir prova tal-mixja mal-app. Ġie diskuss li minħabb l-pandemija huwa l-aħjar li l-mixja issir minn gruppi tal-istess *bubble* u jitilqgħu f'ħinijiet differenti u minn żoni differenti. Ġie diskuss sabiex f'din l-app jistgħu jiżdiedu aktar azzjonijiet għaliex huma u jagħmlu riċerka sabu spazji li huma mitluqgħa u li jagħlqu għalhekk huma siguri sabiex jistgħu jintużaw għall eżercizzju ta' *fitness.* Ġie suġġerit li fejn l-iskola ma jkunx hemm kiosks li jbieħu junk food sabiex joffru aktar healthy eating fejn l-iskola.<br><br>Din l-app mhux biss sabiex tkun ta' *Leisure Walk* imma, hija mixja turistika u kulturali . Din il-laqgħa ser tiġi aġġornata għas-17 ta Frar 2021.<br><br>Saret laqgħa mal- għaqdiet kollha dwar dan il-proġett tal-Urbcat u saret laqgħa oħra mas-Sur Fabian Mangion u mas-Sur Patrick Mifsud mid-dipartiment ta' l-awtorita tal-ippjannar.<br><br>. |
| 27.03.08 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv intbgħatet Ċirkolari 03/2021 li ġiet imqassma fi Pjazza 4 ta' Settembru u parti minn Triq il-Vitorja sabiex ma jinħareġx l-ebda skart u boroż suwed fejn il-bin għalhekk dan il-bin ġie imressaq |

| | |
|---|---|
| | sabiex jinqabad mil-CCTV u min jarmi boroż madwar il-bin jiġi imħarrek. |
| 27.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ġew iffirmati kuntratti mad-dipartiment tal-housing biex ikun jista jibda x-xogħol fil-komun f' dawn il-postijiet:<br>Blk 4 13-14 Triq il-vitorja l-Isla<br>65 Triq iż-Żewġ Mini l-Isla u 28 Triq l-Oratorju l-isla |
| 27.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li intbagħtet ittra bieb, bieb mal-Isla kollha sabiex ir-residenti tal-Isla jibbenefikaw mil-kuntratt li sar ma *The Note Book* sabiex min għandu bżonn jagħmel format lil kompjuter tiegħu jista' jmur għand *The Note Book* mingħajr ħlas. Din l-ittra tqassmet fl-iskola wkoll. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 27.03.11 | Is-Sindku informa lil knsilliera li x-xogħol tal-proġett insebbħu l-Lokal għadu għaddej mil-kuntrattur u qed jitħħawlu aktar pjanti u jżiedu aktar ħamrija fejn hemm bżonn fil-fatt il-kunsill kellu joħroġ aktar fondi sabiex jitkompla dan il-proġett. Il-fondi ta dan il-proġett ser jitħallsu iżda ser jinżammu zewġ kontijiet oħra sakemm jitlesta x-xogħol. Il-kunsilliera qablu dwar dan. |
| 27.03.12 | Is-Sindku bagħat imejl lil kunsilliera b'referenza għal-laqgħa li saret il-Ħamis 18 ta' Frar 2021 relatata mal-*Public Consultation on the Intent and Objectives of the Air Quality Plan, fejn* għaddilħom is-suġġerimenti ta' Dr. Noel Aquilina. Ġentilment talabhom li jibgħatu l-opinjoni tagħhom dwar dan is-suġġett fl-iqsar żmien possibbli. |
| 27.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li ser issir Webnair dwar l-ambjent mas-Sinj. Cynthia Caruana li tiehu ħsieb ECO skola , u Andrew min NGO Żibel biex meta nagħmlu *clean up* nistgħu nagħmlu kuntatt magħhom. |
| 27.03.14 | Is-Sinkdu informa lil kunsilliera li l-propjetarju tal-Garaxx fix-xatt k/m Triq San Lawrenz avviċina lis-sindku sabiex iqabbgħad lil xi ħadd professjonali huwa u jerġa ippitter mil-ġdid il-Mural li hemm mal-ħajt tal-kantuniera tal-garaxx tiegħu għas-spejjeż tiegħu għaliex din il-mural m'għadiex fi stat tajjeb. Il-Kunsilliera qablu ma dan ġa la darba jaqblu fuq il-prova tat-tpinġija li jibgħatilhom. |
| 27.03.15 | Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera dwar l-applikazzjoni għall Espressjoni ta' interess tal-Belt jew raħal kulturali tas-sena 2022 – SPI.SCI.8.2020. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-ftehim sabiex il-kunsill tal-Isla jipparteċipa għall Belt Kulturali 2022. Din l-applikazzjoni ser tiġi |

| | |
|---|---|
| | mibgħuta lid-Direttorat Għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy Bini tal-Gvern Lokali, Triq il-Gvern Lokali, Qasam Industrijali, Marsa, MRS 3000. L-accountant tal-kunsill ser tagħmel dikjarazzjoni li l-Kunsill Lokali jinsab f'posizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-applikazzjoni jekk jiġi ddikjarat bħala l-Lokalita' Kulturali ta' Sena 2022. Din iddikjarazzjoni trid issir mill-Accountant tal-Kunsill Lokali u tkun iffirmata wkoll mis-Sindku u s-Segretajru Eżekuttiv. |
| 27.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li inġabru tlett kwotazzjonijiet għall din ir-riċerka sabiex issir l-applikazzjoni għall-espressjoni ta' interess għal belt jew raħal kulturali tas-sena 2022. L-irħass offerta kienet dik ta' I Communications għall prezz ta' €2247.90. Il-Kunsilliera qablu ma din l-offerta. |
| 27.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomuikat mal-kunsilliera dwarxiri ta' lap top sabiex jintuża mill-clerk biex issir xogħol mid-dar. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret tlett kwotazzjonijiet sabiex jinxtara dan il-laptop. Il-Kunsillieraqablu unainmament ma dan l-akkwist. |
| **27.04** | **Triq Sant Anġlu** |
| 27.4.1 | Is-Sindku is-Sur Clive Pulis flimkien mas-Segretarju eEżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel bagħtu Ċirkulari 02/2021 għal-laqgħa mar-residenti ta' Triq Sant Anġlu , fejn għandhom ħsieb biex tingħalaq bil-bollards miħabba l-karrozzi u jkun hemm aktar arja nadifa. Din iċ-ċirkulari intlaqgħet u attendaw għal din il-laqgħa is-Sinjura Joyclynn Bonello, Is-Sinjura Irene Bonello, Is-Sur Vince Grech u is-Sinjura Mary Grace Grech, is-Sur France Grech, Is-Sur Ronald Mizzi u is-Sur Michael Busuttil fejn ma dawn is-sinjuri intlaħħaq qbil unanimu li din it-triq għandha tingħalaq bil-bollards jibqa parking wieħed għall-loading u unloading u dak li hemm tal-bżonijiet speċjali jsir fil-kantuniera. Is-Sindku informa lil kunsilliera li huwa ser jibgħat imejl lit-TM u skond ir-risposta tat- TM jerġa jinforma lir-residenti. |
| **27.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Ma kienx hemm |
| **27.6** | **Rapporti** |
| **27.6.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |

| | |
|---|---|
| **27.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 27.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl lill Kunsilliera kollha l-iskeda ta' pagamenti, skeda Nru 2/ 2021 għall-approvazzjoni. |
| 27.7.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **27.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 27.08.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 25 ta' Marzu 2021

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv